safja l-kuxjenza tagħkom biex, meta jgħidu fuqkom, dawk stess li jkasbru l-imġieba tajba tagħkom fi Kristu ikollhom għax jistħu. Aħjar tbati għax tagħmel it-tajjeb, jekk din tkun ir-rieda ta' Alla, milli tbati għax tagħmel il-ħażin.
**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**Hallelujah. Hallelujah.**
Ħieni l-bniedem li waqt it-tiġrib jistabar, għax, wara li jkun għeleb it-tiġrib, jaqla' 1-kuruna tal-ħajja.
**Hallelujah.**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew.**
**Mt 10,28-33**
F'dak iż-żmien: Ġesù qal lill-appostli tiegħu: "Tibżgħux minn dawk li joqtlu il-ġisem bla ma jistgħu joqtlu lir-ruħ; imma aktar ibżgħu minn dak li jista' jeqred kemm lir-ruħ u kemm lill-ġisem fl-infern. Żewġ għasafar tal-bejt mhux b'xejn jinbiegħu? U b'danakollu anqas wieħed minnhom ma jaqa' fl-art mingħajr ir-rieda ta' Missierkom. Intom imbagħad sa x-xagħar ta' raskom, kollu hu magħdud. Mela xejn tibżgħu: intom aqwa min ħafna għasafar tal-bejt. Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li huwa miegħi, jien ukoll nistqarr li jiena miegħu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet. Iżda min jiċħad lili quddiem il-bnedmin, jien ukoll niċħad lilu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet."
**Il-Kelma tal-Mulej.**
**It-tifħir lilek Kristu.**

**TALB TAL-FIDILI**

Nitolbu llum, ħuti għeżież, lill-Mulej Alla li jista' kollox, li minnu tiġi kull għotja tajba u kull don perfett, biex bl-interċessjoni ta' San Sebastjan li ħa 1-martirju għall-istqarrija tal-Isem qaddis tiegħek, aħna niksbu ħelsien tassew, u saħħa u qawwa f'kull tiġrib.

Qawwi u kattar, Mulej, il-fidi tal-Knisja tiegħek, żommha taħt l-id segħana tiegħek, biex bl-interċessjoni ta' San Sebastjan, toħroġ dejjem rebbieħa fuq it-tiġrib kollu li jqanqlu kontra tagħha is-setgħat tal-ħażen.
**Ismagħna nitolbuk Mulej**

Saffi lill-parroċċa tagħna minn kull tagħlim qarrieq, ħollha mill-irbit tal-jasar tad-dnub u agħti s-salvazzjoni lil kulħadd.
**Ismagħna nitolbuk Mulej**

Għallimna nħobbu '1 dawk li jaħqruna u npattu bil-ġid id-deni li jagħmlugħna.
**Ismagħna nitolbuk Mulej**

Agħmel li d-demm li xerred San Sebastjan għall-fidi ta' Kristu jkun ta' serħan u ta' mistrieħ ta' dejjem għall-mejtin kollha ta' din il-parroċċa. Ismagħna nitolbuk Mulej.
**Ismagħna nitolbuk Mulej**

Alla ta' dejjem li tista' kollox, kif tajt lill-martri tiegħek San Sebastjan il-grazzja li jbati għal Kristu, agħti lilna l-grazzja li matul ħajjitna qatt ma nibżgħu nistqarru l-fidi tagħna. Bi Kristu Sidna.
R. Ammen.

# Niċċelebraw mal-Mulej

**ANNIVERSARJU TAL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA**
***19 ta' Jannar***

**ATT PENITENZJALI**

Aħfrilna Mulej, ta' kemm-il darba inti sejjaħtilna sabiex niġu fit-tempju tiegħek u aħna b'aljenazzjoni, traskuraġni jew għax għażilna mkien ieħor, ma ġejniex fit-tempju tiegħek.
**Aħfrilna nitolbuk Mulej.**

Aħfrilna Mulej, ta' kemm-il darba ġejna fit-tempju tiegħek u bl-imġieba u l-aġir tagħna nqasna mir-rispett; jekk mhux ukoll ma zeblaħniex it-tempju tiegħek.
**Aħfrilna nitolbuk Mulej.**

Aħfrilna Mulej, ta' kemm-il darba tajna aktar każ tat-tempju tal-ġebel u nsejna it-tempju tal-ġebel ħaj li hija l-komunita parrokkjali tagħna.
**Aħfrilna nitolbuk Mulej.**

**L-EWWEL QARI** .
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija.**
**Is 56,1.6-7**
Dan igħid il-Mulej: Żommu s-sewwa u agħmlu l-ġustizzja, għax is-salvazzjoni tiegħi għoddha waslet, u l-ġustizzja tiegħi dalwaqt isseħħ. Ulied il-frustier li ntrabtu mal-Mulej biex jaqduh, u biex iħobbu isem il-Mulej u jkunu qaddejja tiegħu, kull minn iħares is-Sibt u ma jiksrux u jżomm sħiħ fil-patt tiegħi, lil dawn inwassalhom sal-muntanja mqaddsa tiegħi u nferraħhom fid-dar tat-talb tiegħi; il-vittmi maħruqa u s-sagrifiċċji tagħhom ikunu jogħġbuni tielgħa minn fuq l-altar tiegħi, għax dari 'dar it-talb' tissejjaħ għall-popli kollha.
**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 83, 3-5, 10-11**

**Rit: Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin.**

Tixxennaq u tinfena ruħi
għat-tempju tal-Mulej;
ngħanni ferħan b'ruħi u ġismi
lil Alla l-Ħaj. **Rit:**

Sa l-għasfur isib fejn igħammar,
u l-ħuttafa ssib l-bejta ħdejn l-altari
tiegħek; hemm hi tqiegħed iż-żgħar
tagħha, Mulej tal-eżerċti, Sultan u Alla
tiegħi! **Rit:**

Ħenjin dawk li jgħammru f'darek;
huma jfaħħruk għal dejjem.
Ħares, o Alla, tarka tagħna,
ħares lejn is-Sultan,
il-Midluk tiegħek. **Rit:**

Għax jum wieħed fit-tempju tiegħek
aħjar minn elf jum f'post ieħor;
aħjar noqgħod fuq il-għatba ta' dar Alla
tiegħi milli ngħammar fit-tined
tal-ħżiena. **Rit:**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pietru Appostlu. 1 Piet 2,4-9**
Għeżież: Ersqu lejn Ġesù, li hu ħaġra ħajja, mormija mill-bnedmin, imma magħżula u għażiża għal Alla. Inbnew intom ukoll bħal ħaġar ħaj, f'dar spiritwali u saċerdozju qaddis, li jkunu jogħġbu lil Alla b'Ġesù Kristu. Għax hekk hemm miktub fl-Iskrittura, 'Jiena nqiegħed f'Sijon ġebla tax-xewka, magħżula u prezzjuża; min jemmen fiha ma jkollux għax jistħi.'
Għalikom mela, li temmnu, hu dan il-ġieħ; waqt li għal dawk li ma jemmnux din l-istess 'ġebla li warrbu 1-bennejja saret il-

ġebla tax-xewka,' 'ġebla li twaqqa' u ħaġra li tfixkel.' Huma jitfixxklu, għax ma joqogħdux għall-kelma ta' Alla, għalkemm kienu mħejjija għaliha. Imma intom 'ġens maħtur, saċerdozju regali, nazzjon qaddis, poplu miksub minn Alla, biex ixxandru l-għemejjel sbieħ ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb.
**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**Hallelujah. Halleluljah.**
Il-Mulej igħid: Fid-dar tiegħi
min jitlob, jaqla'; min ifittex, isib;
u min iħabbat, jiftħulu.
**Hallelujah.**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa.**
**Lq 19,1-10**
F'dak iż-żmien: Ġesù daħal Ġeriko u kien għaddej mit-triqat tagħha. Mela jkun hemm raġel, jismu Żakkew; dan kien wieħed mill-kapijiet tal-publikani, u kien għani. Kellu xewqa li jara min kien Ġesù, imma ma setax minħabba fil-folla, billi kien raġel qasir. Għalhekk mar jiġri 'l quddiem u tela' ma' tina selvaġġa, għax minn dik in-naħa kien se jgħaddi. Ġesù, kif wasal hemm, ħares 'il fuq u qallu: "Żakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jaħtieġli noqgħod għandek." Dak niżel bla telf ta' żmien, u kollu ferħan laqgħu għandu. In-nies, meta rawh, ilkoll bdew igemgmu bejniethom u jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ. Imma Żakkew, wieqaf, qal lill-Mulej:
"Ara, Mulej, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra, u jekk jien sraqt xi ħaġa 'l xi ħadd b'rapporti foloz, inroddhielu għal erba' darbiet iżjed." Qallu Ġesù: "Illum lil din id-dar ġietha s-salvazzjoni, għax hu wkoll bin Abraham. Għax Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf."
**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**TALB TAL-FIDILI**

Ħuti għeżież, bħala ġebel ħaj, mibnija fuq pediment sod, li hu Kristu l-Mulej, nitolbu l-Missier li jista' kollox, biex jieqaf mal-Knisja tiegħu, waqt li nistqarru t-twemmin tagħna fil-misteru tagħha, billi ngħidu:
**Rit: Din hi d-dar ta' Alla u l-bieb tas-sema**

Missier qaddis, naddaf l-għalqa tad-dwieli tiegħek li hi l-Knisja; ħarisha, saħħaħha, wettaqha, biex ixxerred il-frieghi tagħha sat-truf tad-dinja għax, Mulej... **Rit:**

O Ragħaj ta' dejjem, ħares il-merħla tiegħek u iġbor fiha l-bnedmin kollha tad-dinja li jinsabu mxerrdin, qishom ngħaġ bla ragħaj għax, Mulej... **Rit:**

Alla ħanin, eħles il-Knisja tiegħek minn kull tinġis tad-dinja, biex tidher quddiemek sabiħa, bla ebda tebgħa u tikmixa, mingħajr għajb u xejn minn dan għax, Mulej... **Rit:**

Missier il-għerf, b'Ibnek Ġesù int tinsab fostna għax aħna nġbarna f'ismek; isma' t-talb li qed nagħmlulek hawn flimkien għax, Mulej... **Rit:**

Mulej Alla tagħna, is-sema u l-art ma jesgħukx, imma tgħammar b'bini tal-ġebel fejn jissejjaħ l-isem qaddis tiegħek: isma' t-talb li qegħdin nagħmlulek minn dan l-imkien u qaddisna bil-barka tiegħek ħa nkunu dejjem it-tempju qaddis fejn tgħammar int, bi Kristu Sidna.
**Ammen.**

**SOLENNITA' TA' SAN SEBASTJAN MARTRI**
***20 ta' Jannar***

**ATT PENITENZJALI**

San Sebastjan baqa' fidil lejk Mulej, f'kull ċirkustanza u sitwazzjoni li sab ruħu fiha:
Aħfrilna Mulej, ta' kemm-il darba stħajna nġibu ruħna ta' nsara kif suppost aħna.
**Aħfrilna nitolbuk Mulej.**

San Sebastjan ħadem kemm felaħ biex isaħħaħ il-fidi tal-insara ta' żmienu:
Aħfrilna Mulej ta' kemm-il darba urejna nuqqas ta' ħeġġa biex ngħinu lill-ħutna li abbandunaw t-twemmin tagħhom.
**Aħfrilna nitolbuk Mulej.**

San Sebastjan għażel li jitlef ħajtu, milli jitlef lilek:
Aħfrilna Mulej ta' kemm-il darba biex ma nbatux ftit, għażilna li ninsew lilek u t-tagħlim tiegħek.
**Aħfrilna nitolbuk Mulej.**

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Għerf.**
**Għerf 3, 1-9**
L-erwieħ tat-tajbin huma f'idejn Alla, u ebda turment ma jmisshom. F'għajnejn dawk li ma jemmnux qishom mejtin għal kollox, il-mewt tagħhom hi meqjusa bħal qerda, qishom sefgħu fix-xejn għax twarrbu minna; iżda huma jinsabu fis-sliem. Għalkemm f'għajnejn il-bnedmin qishom ħadu xi kastiġ, it-tama tagħhom hi l -milja ta' ħajja bla tmiem. Żgħira kienet it-tbatija tagħhom, imma kbira l-barka li ħadu; Alla għaddiehom mill-prova, u sab li jistħoqqilhom ikunu miegħu. Bħalma d-deheb igħadduħ min-nar, hekk hu għaddiehom, u bħal vittma tas-sagrifiċċju laqagħhom. Issa fiż-żmien tal-ġudizzju, jitlibbsu bid-dija, u bħal xrar tan-nar jiġri fuq it-tiben jaqbad, hekk ileqqu. Min-nazzjonijiet jagħmlu gudizzju, u lill-popli jaħkmu, u Alla jkun is-Sid tagħhom għal dejjem. Dawk li jittamaw fih jagħarfu I-verita', u dawk li huma fidili lejh igħixu miegħu fl-imħabba. Hemm grazzja u ħniena kbira għal dawk li Alla għażel għalih.
**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI Salm 33,2-9**

**Dawk li jiżirgħu fid-dmugħ jaħsdu bil-ferħ.**

Kull ħin inbierek lill-Mulej,
tifħiru dejjem f'fommi.
Bil-Mulej tiftaħar ruħi
jisimgħu l-fqajrin u jifirħu. **Rit:**

Xandru l-kobor tal-Mulej miegħi
ħa ngħollu ismu flimkien.
Jien fittixt il-Mulej u weġibni
minn kull biża' ħelisni. **Rit:**

Ħarsu lejh u jiddi bil-ferħ wiċċkom
ma jkollkomx għax tistħu.
Dan il-fqajjar sejjaħ u l-Mulej semgħu
mid-dwejjaq kollha tiegħu ħelsu. **Rit:**

L-Anġlu tal-Mulej jgħasses
madwar dawk kollha li jibżgħu minnu u jeħlishom.
Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb iI-Mulej
ħieni l-bniedem li jistkenn fih. **Rit:**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pietru Appostlu. 1 Piet 3, 14-17**
Għeżież: Jekk tbatu minħabba s-sewwa, ħenjin intom! Tibżgħux minnhom u titħawdux. Żommu f'qalbkom bil-qima lil Kristu I-Mulej. Kunu dejjem imħejjija li tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom sodisfazzjon tat-tama li għandkom; imma wieġbu bil-ħlewwa u bil-ġieħ. Żommu